**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 05 ta’ Ġunju 2025**

**Rikors Numru 147/2024**

**Rosario Cilia (KI: 300202L)**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Rosario Cilia** fl-4 ta’ Diċembru 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi nhar il-15 ta’ Novembru 2025, l-esponenti gie notifikat b’ ittra ufficjali mill-intimata sabiex jizgombra mill-fondi 25 u 26, Triq San Gwann, Bormla fi zmien 30 gurnata;*

2. *Illi huwa ma jaqbilx mad-decizzjoni tal-Awtorita intimata, u qieghed jinterponi dan l-umli appell minnha ai termini tal-Artikolu 12(1) tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

3. *Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;*

a. *Illi permezz ta’ skrittura datata 11 ta’ Novembru, 1993, l-esponenti iffirma kuntratt ta’ kera ma’ Michael Ciappara ghall-kiri tal-hanut bin-numru 25 u 26 Triq San Gwann, Bormla, illi huma zewg fondi kontigwi li jinfdu ma’ xulxin;*

b. *Illi Michael Ciappara u martu Marianna Ciappara dejjem kienu ddikjaraw li kienu s-sidien tal-fondi, u l-esponenti dejjem hallas il-kera lilhom;*

c. *Illi l-esponenti ghamel eluf ta’ Ewro fi spejjez sabiex jimmodernizza l-hanut, u dan il-hanut ilu jikkostitwixxi l-ghixien principali tieghu u ta’ martu sa minn Novembru 1993;*

*d. Illi xi snin ilu, kienu attendew fil-hanut zewg irgiel biex jiehdu xi qisien, u meta mart l-esponenti staqsiethom min kienu, kienu informawha li kienu ufficjali mill-Awtorita tal-Artijiet, u li l-propjeta mertu ta' din il-procedura kienet tappartjeni lill-Awtorita;*

*e. Illi kien dakinhar li l-esponenti u martu kienu saru jafu li l-propjeta kienet tal-Awtorita tal-Artijiet, u fil-fatt, l-esponenti hallas lill-Awtorita intimata arretrati ta' kera li ma kinux hallsu Michael u Marianna Ciappara, u l-kera ghall-fond 25, Triq San Gwann, Bormla hija mhallsa sal-1 t Awissu 2025 filwaqt li dik ghall-fond 26, Triq San Gwann Bormla hija mhallsa sal-10 t' Ottubru 2025 u huwa ghandu d-debiti ricevuti ta' hlas;*

*f. Illi ghalhekk, u gialadarba l-Awtorita tal-Artijiet accettat il-hlas tal-kera, l-esponenti ma jistax jigi zgombrat mill-fondi mertu ta' dawn il-proceduri.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-su espost, l-esponenti jitlob umilment li dan l-Onorabbli Bord joghgbu:*

*I. Jaqta' u jiddeciedi illi d-decizzjoni tal-Awtorita' ma saritx skond il-Ligi;*
*II. Jiddikjara d-decizzjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar ta' zgumbrament tal-esponenti mill-fondi 25 u 26, Triq San Gwann Bormla bhala nulla u bla effett;*
*III. Jaghti kwalunkwe provvediment li jidhirlu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi skond il-Ligi.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tal-Artijiet** ppreżentata fit-12 ta' Diċembru 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' Rosario Cilia detentur tal-karta tal-identità bin-numru 300202L, reġistrat fil-Qrati tal-Ġustizzja (Malta) nhar l-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024).*

2. *Illi permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta lir-rikorrent f'Novembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), l-Awtorità tal-Artijiet filwaqt li għamlet referenza għaż-żewġ fondi li r-rikorrent qed jokkupa u ċioe il-fond ħamsa u għoxrin (25), Triq San Ġwann Bormla (Tenement J57992) u l-fond sitta u għoxrin (26), Triq San Ġwann, Bormla (Tenement J57993), infurmatu illi huwa kien qed jokkupa dawn il-fondi mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi.*

3. *Illi għalhekk in vista ta' dan, ir-rikorrent ġie interpellat sabiex fi żmien tletin (30) jum min-notifika tal-ittra uffiċjali huwa jivvaka ż-żewġ fondi hawn fuq imsemmija u jirritorna ċ-ċwievet lil Awtorita'.*

4. *Illi din l-ordni ta' żgumbrament intbgħatet lir-rikorrent ai termini tal-Artiklu 9 u senjatament is-Sub Artiklu (1) (a) u l-Artikoli susegwenti tal-Kapitlu 573.*

5. *Illi r-rikorrent fl-istess ittra ġie infurmat illi fin-nuqqas li huwa jiżgombra mill-imsemmi fondi fiż-żmien stipulat kienu ser ikunu jittieħdu passi ulterjuri kontra tiegħu skont il-liġi.*
6. *Illi l-applikant ħassu aggravat b'dina l-ittra u interpona dan l-appell.*

***Fatti***

1. *Illi kuntrarjament għal dak li r-rikorrenti jirrileva, d-deċizjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, ma hix waħda li ma saritx skont il-Liġi, nulla jew bla effett u dan għaliex meta l-Awtorità tal-Artijiet ħadet id-deċiżjoni tagħha, hija qieset b'reqqa il-fatti kollha li kellha quddiemha.*

2. *Illi primarjament iż-żewġ proprjetajiet ġew mikrija lis-Sur Michael Ciappara u għalhekk ir-rikorrent mhux magħruf mal-Awtorità tal-Artijet.*

3. *Illi wara spezzjoni li saret mill-Uffiċjal tal-Infurzar, rriżulta li l-fondi ħamsa u għoxrin (25) u sitta u għoxrin (26) huma interkonnessi u qed jintużaw bħala ħanut tal-merċa minflok għal skopjiet residenzjali kien kif l-iskop tal-kirja. Ara dokument hawn anness u mmarkat bħala "**DOK LA1**".*

4. *Illi dan tant huwa minnu illi l-fondi ingħaw l-isem ta' "Independence Store" hekk kif jidher ukoll mill-istess dokument hawn anness u mmarkat bħala "**DOK LA1**".*

5. *Illi minn din l-ispezzjoni ukoll irriżulta illi l-ħanut tal-merċa qed jintuża mis-Sur Rosario Cilia (300202L), li bl-ebda mod mhu relatat mal-kerrej is-Sur Michael Ciappara.*

6. *Illi għalhekk l-proprjetà in kwistjoni mhix qed tintuża għall-iskop residenzjali hekk kif kien oriġinarjament mikri lis-Sur Michael Ciappara.*

7. *Illi dan il-ksur jammonta għal ksur tal-artikolu 9 (1) (iii) tal-Kapitolu 573 li jaqra:*
   *"L-awtorità kompetenti tista' tordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art u t-tneħħija minn hemm ta' kull oġġett mobbli, meta:*
   *iii) ma jużax l-art jew jagħmel użu differenti tal-art minn dak miftiehem"*

8. *Illi dan il-ksur jammonta ukoll għal ksur tal-artikolu 1555 tal-Kapitolu 16 li jaqra:*
   *"Jekk il-kerrej jagħmel mill-ħaġa mikrija użu xorta oħraminn dak li għalih ikun miftiehem, jew preżunt skont l-artikolupreċedenti, jew b'mod li bih jista' jġib ħsara lil sid il-kera, sid il-kera jista', skont iċ-ċirkostanzi, jitlob il-ħall tal-kirja".*

9. *Illi oltre minn hekk, peress li l-kerrej magħruf mill-Awtorità tal-Artijiet (u ċioe is-Sur Michael Ciappara) kien qed jikri l-proprjetà b'sublokazzjoni lill-terzi, issir referenza għall-artikolu 9 (1) (iv) tal-Kapitolu 573 li jaqra:*
   *"L-Awtorità kompetenti tista' tordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art u t-tneħħija minn hemm ta' kull oġġett mobbli, meta:*
   *jikser jew jonqos milli jwettaq imqar kundizzjoni waħda li tkun indikata fil-kuntratt li bis-saħħa tiegħu l-art tkun qed tiġi okkupata."*

10. *Illi referenza tista' ssir ukoll għall-artikolu 1614 tal-Kapitolu 16 li jaqra:*
    *"(1) Il-kerrej ma għandux jedd li jissulloka l-ħaġa, jew lijċedi l-kiri tagħha, jekk din is-setgħa ma tkunx ġiet miftiehma fil-kuntratt.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu, l-għoti ta' kuntratt ta' ġestjoni jew kull forma ta' ftehim ieħor, li permezz tiegħu inkwilin jerħi f'idejn terzi l-pussess tal-fond jew tal-kummerċ ġestit minn fond kummerċjali, għandu jitqies bħala sullokazzjoni."*

11. *Illi għalhekk l-Artikolu 9 tal-Kap 573 jipprevedi l-possibbiltà ta' żgumbrament f'każ ta' sullokazzjoni mingħajr permess bil-miktub mill-Awtorità, liema permess jidher li qatt ma ngħata mill- Awtorità. (Artiklu 9 jaqra: "L-Awtorità kompetenti tista' tordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art u t-tneħħija minn hemm ta' kull oġġett mobbli, meta: .."*

12. *Illi dan tant huwa minnu illi r-rikorrent qatt ma daħal jew għamel xi ftehim mal- Awtorità tal-Artijiet, sabiex il-kirja mogħtija lis-Sur Michael Ciappara tinqaleb fuqu.*

13. *Illi iktar minn hekk il-ftehim ppreżentat mir-rikorrenti stess (mmarkat bħala "Dok:RC1" juri li l-ftehim sar bejn is-Sur Michael Ciappara (bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 573 u l-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u s-Sur Rosario Cilia, mingħajr ma l-Awtorità tal-Artijiet kienet parti minn dan il-ftehim jew iktar minn hekk infurmata dwar dan il-ftehim.*

14. *Illi mhux talli l-kirja saret bi ksur tal-ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet, talli l-iskop tal-kirja magħmul bejn is-Sur Ciappara u s-Sur Cilia inbidel mil-iskop tal-ftehim li kien sar bejn l-Awtorità tal-Artijiet u s-Sur Ciappara.*

15. *Illi kien fid-dawl tal-fatt li proprjetà in kwistjoni mhix qed tintuża għal skopijiet residenzjali kif miftiehem mal-Awtorità tal-Artijiet, u kif ukoll fid-dawl tal-fatt li is-sullokazzjoni saret mingħajr il-permess bil-miktub tal-Awtorità tal-Artijiet, li l-Awtorità tal-Artijiet ai termini tal-liġi setgħet titlob ix-xoljiment tal-kuntratt tal-kirja.*

16. *Illi hekk kif anka jiddikjara r-rikorrent f'punt numru 3b tar-rikors tiegħu, l-Awtorità tal-Artijiet dejjem għarfet lis-Sinjuri Ciappara u qatt ma għarfet lis-Sur Cilia.*

17. *Illi ukoll meta sar il-pagament skont id-dokument immarkat "RC3" u "RC4", l-Awtorità tal-Artijiet ma kinetx ġiet infurmata illi s-Sur Michael Ciappara ġie nieqes u għalhekk il-pagament kien ġie aċċettat.*

18. *Illi dan sar ukoll għaliex l-Awtorità tal-Artijiet taċċetta l-pagamenti tal-kirja dovuta mhux biss mill-kerrejj imma ukoll minn kull persuna li jkollha d-dokumenti neċessarji sabiex tkun tista' tagħmel tali pagamenti.*

19. *Illi dan juri li l-pagament li sar, sar b'mod malizjuz minn min għamel tali pagament.*

20. *Illi kien biss riċenti infatti li l-Awtorità tal-Artijiet ġiet infurmata lis-Sur Michael Ciappara ġie nieqes nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'April tas-sena kurrenti u ċioe s-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024).*

21. *Illi ukoll ir-rikorrent fir-rikors tiegħu jonqos milli jinforma lill dan l-Onorabbli Tribunal illi l-kerrej magħruf mal-Awtorità tal-Artijiet, ġie nieqes iktar kmieni din is-sena.*

22. *Illi fuq kollox anka jekk stess sar il-pagament tal-fondi in kwistjoni, jekk wieħed jagħrbel dawn l-irċevuti infatti juru illi l-pagament sar f'isem Michael Ciappara u bl-ebda mod ma turi l-isem tar-rikorrent.*

***<u>Bonus paterfamilias</u>***

1. *Illi l-Awtorità' tal-Artijiet għandha l-irwol u obbligu li tamministra l-art tal-Gvern bl-aħjar mod possibli u għandha taġixxi bħala bonus paterfamilias u dawn id-dmirijiet u obbligazzjonijiet huma naxxenti mill-liġi u proprju tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi huwa l-irwol tal-Awtorità ai termini tal-liġi suċitata li tassigura li jsir l-aħjar użu tal-art illi hija tikri, li dan isir mingħajr abbużi fid-awl ukoll tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi għalhekk tenut kont ta' dan kollu u tal-provi li ser jiġu mressqa, l-Awtorità tal-Artijiet kienet ġusta meta hija bgħatet liittra uffiċjali lir-rikorrenti u talbietu huwa jivvaka ż-żewġ fondi hawn fuq imsemmija u jirritorna ċ-ċwievet lil Awtorita'.*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a formali konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal, u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex **<u>jiċħad</u>** l-aggravji kollha u t-talba tal-appellant u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet li jiżgombra lir-rikorrent mill-fondi numri ħamsa u għoxrin (25), Triq San Ġwann Bormla u l-fond sitta u għoxrin (26), Triq San Ġwann, Bormla, stante l-fatt li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità hija:*

*a) waħda ġusta fil-forma u fis-sustanza;*
*b) waħda li ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti;*
*c) waħda li tinkludi raġuni skont il-prinċipju amministrattiv stabbilit, "the duty to give reason";*
*d) waħda li kienet fil-limiti tad-diskrezzjoni tal-istess Awtorità.*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Novembru 2024 li permezz tagħha ġie interpellat sabiex jiżgombra minn żewġ (2) fondi li jġibu n-numri 25 u 26 ġewwa Triq San Ġwann, Bormla fi żmien tletin (30) jum min-notifika tal-istess ittra.[1] Illi r-raġuni għal tali deċiżjoni kienet li r-rikorrent kien qed jokkupa l-istess fondi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

[1] Dokument KG1 a fol. 90

Illi l-aggravji mressqa mir-rikorrent huma s-segwenti, u ċioe`:

1. Illi huwa kien qed jokkupa l-imsemmija fondi permezz ta' skrittura ta' kera li għamel ma' ċertu Michael Ciappara;
2. Illi meta xi snin ilu ġie a konoxxenza li l-fondi kienu tal-Gvern u mhux ta' Ciappara huwa ħallas l-arretrati kollha tal-kera, liema ħlas ġie aċċettat mill-Awtorita` intimata u li għalhekk, ladarba l-Awtorita` aċċettat il-ħlas tal-kera, ma tistax tiżgombrah.

**Fatti**

Mid-dokumenti esebiti mill-Awtorita` intimata jirriżulta illi l-fondi in kwistjoni ġew mgħoddija lill-Gvern ta' Malta mill-Kurja Arċiveskovili wara l-ftehim li sar bejn il-Gvern u l-Istat kif ratifikat fit-18 ta' Frar 1993. Mill-*property forms* esebiti jirriżulta illi l-istess fondi kienu mikrija lil ċertu Michael Ciappara li kien joqgħod 41, Triq San Ġwann, Bormla. Fuq l-istess *property forms* ġie ndikat li l-istess kirja kienet waħda residenzjali.[2]

Jirriżulta illi permezz ta' skrittura datata 11 ta' Novembru 1993, Michael Ciappara kera l-fond numru 26, Triq San Ġwann, Bormla lir-rikorrent u lil ċertu David Aquilina għal żmien ħmistax-il sena versu l-kera ta' lira maltija (Lm1) kuljum.[3]

Jirriżulta inoltre illi f'Jannar 2022 saret spezzjoni mill-uffiċjali tal-Awtorita` intimata fil-fondi in kwistjoni, fejn l-uffiċjali rrimarkaw illi l-fondi kienu mniffda u li kienu ġew infurmati mill-okkupanti li l-fondi kienu ġew mikrija lilhom.[4] Jirriżulta li wara din l-ispezzjoni, fit-2 ta' Novembru 2022 sar ħlas f'daqqa tal-arretrati fir-rigward tas-snin 2007 sal-2022 u wkoll tħallset il-kera sal-10 ta' Ottubru 2023.

Wara l-ispezzjoni tal-2022, Dr. Kimberly Galea, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, kienet ħejjiet rapport lill-Kap Eżekuttiv fejn ġabet a konjizzjoni tiegħu il-fatti msemmija hawn fuq u rrimarkat li l-kera kienet waqfet titħallas fl-2007. Hija rrakkomandat ukoll illi ladarba l-fondi mhux qed jintużaw għal skop residenzjali u wkoll ġew sullokati lil terzi mingħajr il-permess tal-Awtorita`, l-istess Awtorita` tista' titlob ix-xoljiment tal-kirja. Alternattivament, Dr. Galea

[2] Dok KG1 u KG2 a fol. 39 u 40
[3] Dokument RC1 a fol. 4
[4] Dokument KG3 a fol. 41

irrakkomandat li l-Awtorita` għandha tara jekk hux se tkompli tiġbor kirja residenzjali jew inkella taqlibhiex għal wahda kummerċjali.[5] Jirriżulta li sussegwentement il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata irrakkomanda li jinġabru l-arretrati u wkoll li tiġi terminata l-kirja, liema rakkomandazzjoni ġiet milqugħa mill-Bord tal-Gvernaturi fil-21 ta' Marzu 2022.[6]

Mix-xhieda mressqa mir-rikorrent jirriżulta illi l-fondi in kwistjoni kellhom permess ta' ħanut żgur mis-sena 1966. Mid-dokumenti esebiti minn Raymond Bonnici, rappreżentant tal-Kurja Arċiveskovili, jirriżulta illi fis-sistema tal-Kurja l-kirja taż-żewġ fondi in kwistjoni tidher bħala residenzjali. Madanakollu fuq l-istess dokumenti hemm imniżżel ukoll illi l-proprjeta' hija "office/shop".[7] Mitlub jispjega din l-anomalija, is-Sur Bonnici ma kienx jaf jagħti spjegazzjoni dwarha, pero` qal li dawn il-fondi ġew mgħoddija lill-Gvern bħala residenzjali.

F'dawn il-proċeduri xehedu wkoll ulied Michael Ciappara, u cioe` Mario Ciappara u Josette Zahra. Mario Ciappara xehed li kien jaf li missieru kien kera ħanut u għamel tletin (30) sena fih pero` sar jaf li l-istess ħanut ma kienx proprjeta` ta' missieru minn xi sena qabel. Josette Zahra xehdet li huma jħallsu l-kirja tal-ħanut in kwistjoni lill-Awtorita` intimata.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-fatti su esposti jirriżulta illi r-rikorrent qed jokkupa l-fondi in kwistjoni bi ftehim ma' Michael Ciappara. Jirriżulta pero` li Ciappara ma kienx is-sid tal-fondi in kwistjoni, iżda kien biss kerrej, mentri s-sid huwa l-Gvern ta' Malta. Kien għalhekk li r-rikorrent sab ruħu rinfaċċjat b'ordni ta' żgumbrament wara li skopra dan kollu fl-2022 wara spezzjoni li saret mill-uffiċjali tal-Awtorita` intimata.

Illi t-Tribunal jirrileva li ħa in konsiderazzjoni li meta r-rikorrent sar jaf b'dan kollu, huwa mar iħallas l-arretrati ta' kera li kien hemm pendenti. In vista ta' dan il-ħlas huwa qed jisħaq li allura issa l-Awtorita` intimata, wara li aċċettat tali ħlas, ma tistax tiżgumbrah. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Awtorita` qatt ma ħarġet riċevuti f'isem ir-rikorrent jew irrikonoxxiet lir-rikorrent fir-rigward tal-fond in kwistjoni. Kwindi, anke jek ġie ppruvat permezz tal-kopja taċ-ċekk li bih sar il-ħlas, li r-rikorrent fil-fatt ħallas xi arretrati, dan ma jista' qatt jammonta għal rikonoxximent da parti tal-Awtorita` intimata. Biex wieħed jiġi rikonoxxut

[5] Dokument KG4 a fol. 44
[6] Dokument KG5 a fol. 48
[7] Dokumenti a fol. 75 u 76

f'kirja ta' art pubblika hemm proċedura sħiħa li trid tiġi segwita u mhux sempliċement għaliex tħallas il-kera fuq fond partikolari.

Illi t-Tribunal jirrileva illi fil-każ odjern m'għandux il-konfort ta' kuntratt bil-miktub bejn Ciappara, jew l-*ante causa* tiegħu, u l-Kurja. Madanakollu, mid-dokumenti esebiti minn Raymond Bonnici u l-*property forms* esebiti mill-Awtorita` intimata, jirriżulta illi l-fondi in kwistjoni kienu ġew mikrija u li l-inkwilin rikonoxxut kien Michael Ciappara. Li ma jirriżultax ċar mill-istess dokumenti huwa jekk il-kirja kinitx waħda residenzjali jew kummerċjali. Illi fil-fehma tat-Tribunal din il-kirja kienet waħda kummerċjali stante li Michael Ciappara kellu r-residenza tiegħu fil-fond 41, Triq San Ġwann, Bormla u mhux fil-fondi in kwistjoni. Għalhekk il-probabilita` hi li Michael Ciappara kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fondi in kwistjoni. M'hemmx dubju li l-fondi in kwistjoni ilhom żmien twil joperaw bħala ħanut u dan kif anke jirriżulta kemm mir-rekords tal-liċenzji tal-Pulizija u kif ukoll mix-xhieda ta' Mario Ciappara.

Illi t-Tribunal jirrileva illi ladarba ma jeżisti ebda kuntratt bil-miktub, għandhom japplikaw il-liġijiet tal-kera. Ai termini tal-artikolu 1614 tal-Kodiċi Civili is-sullokazzjoni mhix permessa jekk mhux bi ftehim mas-sid. Mill-atti ma jirriżultax illi Michael Ciappara qatt ingħata permess mill-Kurja sabiex jissulloka l-fondi in kwistjoni. Illi din il-prova kienet tinkombi fuq ir-rikorrent. Illi għalhekk, filwaqt li t-Tribunal jifhem illi r-rikorrent ġie mogħti x'jifhem illi Ciappara kien is-sid[8] tal-fondi in kwistjoni, ċertament l-affarijiet kienu mod ieħor. Illi dan it-Tribunal mhux se jidħol fl-aspetti legali ta' dak li ġara bejn ir-rikorrent u Ciappara għaliex la huwa l-mertu tad-deċiżjoni appellata u lanqas għandu kompetenza jagħmel dan.

Illi fl-aħħarnett it-Tribunal jagħmel referenza għal sottomissjoni mressqa mid-difensur tar-rikorrent fis-sottomissjonijiet finali fejn ġie ribadit illi l-artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li jista' jintalab l-iżgumbrament minn kull art okkupata minn persuna mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, ma japplikax għas-sitwazzjoni odjerna stante li hawn qed jintalab żgumbrament minn "fondi" u mhux minn "art". F'dan ir-rigward it-Tribunal jagħmel referenza għad-definizzjoni li nsibu fl-istess Kapitolu ta' "art", liema definizzjoni tgħid is-segwenti, u ċioe`:

*"art" tinkludi kull proprjetà li hija immobbli jew mix-xorta tagħha jew minħabba l-oġġett li għalih tirreferi, kif provdut fl-artikoli 308, 309, 310 u 311 tal-Kodiċi Ċivili u tinkludi wkoll kull art li tkun ġiet iffurmata wara reklamazzjoni tal-art u wkoll il-baħar u qiegħ il-baħar. Kull*

[8] Kif fil-fatt hemm imnizzel fl-iskrittura ta' bejn ir-rikorrent u Ciappara a fol. 4

*riferenza għal 'art tal-gvern' jew 'bini tal-gvern' tinkludi riferenza għal art jew bini amministrat mill-Gvern jew aġenzija tal-Gvern*

It-Tribunal iħoss li m'għandux għalfejn jelabora li l-fondi in kwistjoni jidħlu perfattament fil-parametri ta' din id-definizzjoni.

Illi għaldaqstant, ladarba r-rikorrent ma ppruvax illi dak li qed issostni l-Awtorita` intimata, u ċioe` li huwa qed jokkupa l-fondi in kwistjoni mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, m'għandux mis-sewwa, it-Tribunal se jkun qed jikkonferma d-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata, u għaldaqstant jikkonferma l-kontenut tal-ittra uffiċjali numru 5123/24 li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 90 tal-proċess, u ai termini tal-artikolu 16 (2) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġġi terminu perentorju ta' disgħin (90) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-rikorrent jiżgombra u jneħħi kull oġġett mobbli appartenenti lilu mill-fondi numru 25 u 26, Triq San Ġwann, Bormla.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**